# SIGISMONDO DIMECH (1769 – 1853)
## L-ISKULTUR TAL-VARA TA' ĠESÙ MARIJA

minn Dr. Eugene F. Montanaro

ĦAJTU FIL-QOSOR

L-iskultur Sigismondo Dimech, iben Vincenzo u martu Rosa nee Spagnol, twieled il-Belt Valletta fis-27 ta' Diċembru 1769,[1] meta f'Malta kien għadu jsaltan il-Gran Mastru Pinto de Fonseca. Ġie mgħammed l-għada ta' twelidu fil-Knisja ta' San Duminku, Valletta, u ngħata l-ismijiet ta' Sigismondo, Stefano, Giovanni. Il-parrina ta' Sigismondo fil-magħmudija kienet iz-zija tiegħu, Caterina Pace, oħt missieru Vincenzo.[2]

Ma nafux fejn, jew għand liema skultur, Sigismondo Dimech tgħallem is-sengħa tiegħu. In-nies ta' żmienu jgħarrfuna li Sigismondo kien il-kuġin tal-iskultur Belti, Vincenzo Dimech (1768 – 1831). F'artikolu li deher fl-*L'Arte*, fil-ħarġa tas-7 ta' Marzu 1863, naqraw li missier dan Vincenzo Dimech, kien skultur ukoll. Jidher għalhekk li Sigismondo Dimech huwa mnissel minn familja tas-sengħa u tal-arti, li kellha l-egħruq tagħha fil-Belt Valletta.

Sigismondo Dimech kellu 21 sena meta ħa b'martu lil Antonina bint Michele Savona minn Vittoriosa. Dan iż-żwieġ sar fil-Knisja ta' San Lawrenz, il-Birgu, nhar is-26 ta' April 1790.[3] Nafu wkoll li wara ż-żwieġ tagħhom, Sigismondo u martu Antonina marru joqgħodu ma' l-ġenituri ta' Sigismondo fil-*Quartiere 9* tal-Parroċċa ta' San Pawl tal-Belt.[4]

Fl-1798, Sigismondo u Antonina kellhom tarbija, u tawha l-ewwel isem ta' Ferdinando. Bin is-sengħa għandu nofsha, igħid il-Malti, u fil-fatt Ferdinando spiċċa biex sar skultur ukoll. Dan Ferdinando Dimech kellu karriera sabiħa, iżda qasira, għaliex miet fl-10 ta' Ġunju 1840, meta kien għad kellu biss 42 sena.[5] Wara l-mewt ta' Ferdinando, Sigismondo ħareġ mill-Belt u mar joqgħod Birkirkara, fejn baqa' jgħix l-aħħar snin ta' ħajtu.

Kif naqraw fi ktieb pubblikat dan l-aħħar, f'Awissu tal-1802, Antonina mart Sigismondo Dimech għamlet "petizzjoni lill-Gvernatur biex jagħti grazzja lil żewġha, li kien ilu eżiljat sena u seba' xhur, biex ikun jista' jerġa' jidħol Malta."[6] Inkiteb ukoll li din il-grazzja ġiet mogħtija u li Sigismondo Dimech ġie lura Malta u beda jaħdem ta' skultur f'ħanut qrib it-Teatru Manoel, il-Belt Valletta.[7]

Għalkemm fittixna u qallibna, għad ma rnexxilniex inkunu nafu għaliex Sigismondo ġie tturufnat minn Malta. Jista' jagħti l-każ – iżda dan mhux fatt dokumentat – li Sigismondo kien partitarju tal-Franċiżi, meta dawn kellhom 'l Malta taħt idejhom. Kien x'kien, kollox juri li f'żogħżitu, Sigismondo Dimech kien bniedem ta' karattru ħaj u xi ftit avventurier

F'kitba tal-Kanonku Dun Ġwann Azzopardi naqraw li fl-1807, Sigismondo Dimech – imsejjaħ *dealer* – kien ġie kkummissjonat mill-Konti Saverio Marchese sabiex ibiegħ f'ismu kwadru taż-żejt li jirrappreżenta *A Hunting Scene With Dogs.*[8] Għandna naħsbu, għalhekk, li f'xi ħabtiet, Sigismondo Dimech kien jeżerċità wkoll il-professjoni ta' *art dealer*.

Fl-*Exhibition: Count Saverio Marchese* (1757 – 1833), deher dokument li jfakkar Akkademja Letterarja, jew aħjar *Adunanza Poetica*, li saret fil-Knisja tal-Franġiskani Minuri tal-Belt Valletta, nhar it-Tlieta ta' qabel il-Ġimgħa l-Kbira tas-sena 1825.[9] F'dan id-dokument hemm miktub li *Signore Sigismondo Dimech* ħejja u qara *Epigramma.*

Min kien dan Sigismondo Dimech, l-awtur ta' din il-poeżija tal-1825? Nafu li l-iskultur Vincenzo Dimech kellu tifel, imsemmi Sigismondo, li mhux biss sar avukat, iżda skond dokument fir-Registru Pubbliku, laħaq ukoll *Professor of Law at the University.*[10] Dan it-tifel tal-iskultur Vincenzo Dimech, kien twieled fit-30 ta' Mejju 1803, u għalhekk fl-1825 kellu madwar 22 sena. Iżda nafu wkoll li fl-1825, l-istudent Sigismondo Dimech, iben l-iskultur Vincenzo, kien qiegħed jistudja f'Napli. Imbagħad, fir-reġistri *Status Animarum* taż-żewġ parroċċi tal-Belt Valletta għal dawk iż-żminijiet, imkien ma nerġgħu niltaqgħu ma xi parruċċan ieħor bl-isem ta' Sigismondo Dimech. Għaldaqstant, wisq probabbli li l-poeta li qara l-Epigramma fl-Akkademja tal-1825, kien l-iskultur Sigismondo dimech, l-artist li hu s-suġġett ta' din il-kitba.

## Sigismondo Dimech Minn Ħal-Lija

Bejn l-1730 u l-1755, kien attiv ħafna artist minn Ħal Lija li kien iġib l-istess isem ta' Sigismondo Dimech. Biex ma ntawwalx, ngħidu biss li fl-1774, huwa lesta x-xogħol ta' skultura tal-fonti tal-magħmudija ta' Ħal Lija.[11] U fuq kollox, jeħtieġ li ngħidu li dan Sigismondo Dimech tas-Seklu XVIII kien mgħallem fis-sengħa tal-iskultura, kif ukoll f'dik tal-pittura.

X'aktarx li Stefano Zerafa kien qed jirriferi għal dan l-artist tas-Seklu Tmintax, meta kiteb li Sigismondo Dimech kien fost l-aħjar allievi ta' Stevano Erardi (+1716).[12] Zerafa jgħarrafna wkoll li dan Sigismondo Dimech pitter il-kwadru ta' S. Barbara li jinsab fis-sagristija tal-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ, u xi kwadri oħra *nella chiesa dei Capuccini.*[13]

Sfortunatament, l-istoriku P.P. Castagna fixkel lil Sigismondo Dimech minn Ħal Lija ma' Sigismondo Dimech tal-Belt. Castagna għaqqad ix-xogħlijiet tat-tnejn f'lista waħda, attribwijhom lil artist wieħed, u spiċċa biex sejjaħ lil dan l-artist "Sigismondo Dimech minn Ħal Lija".[14] Minn dak iż-żmien 'l hawn, l-istoriċi tagħna mxew fuq il-kitba ta' Castagna, u b'hekk it-taħbila dwar l-identità ta' Sigismondo Dimech għadha magħna sal-lum.

Xieraq għalhekk niftakru dejjem, li dak Sigismondo Dimech li ħadem xogħlijiet skultorji fi ħdan il-Parroċċa ta' S. Ġorġ, kien Belti, u mhux minn Ħal Lija.

## Sigismondo Dimech Bħala Skultur

Wisq probabbli li Sigismondo Dimech kellu l-*workshop* tiegħu fl-istess indirizz fejn kien jaħdem ibnu Ferdinando: *Depot No. 69, Strada Teatro, Valletta.*[15]

Sigismondo Dimech ħadem xogħol skultorju fil-ġebla Maltija, fl-irħam, kif ukoll fl-injam. Xieraq għalhekk, li nagħtu daqqa ta' għajn lejn xi xogħlijiet tiegħu f'dawn it-tliet *media* differenti.

## Mezzo Bust tal-Ammirall Angelo Emo

Skond P.P. Castagna, fl-1802, Sigismondo Dimech ħadem mezzo bust fl-irħam tal-Ammirall Venezjan Angelo Emo.[16] L-Ammirall Emo kien miet hawn Malta fl-1792, u l-katavru tiegħu kien ittieħed lura Venezja.[17] Madankollu, l-bust li ħadem S. Dimech tqiegħed fuq sarkofagu fejn tqiegħdet il-qalb tal-Ammirall Emo. Is-sarkofagu bil-bust tal-Ammirall Emo jinsab fil-knisja tal-Madonna tal-Vitorja, il-Belt Valletta.

## Il-Vara Ta' Ġesù Marija, 1802 – 1807

F'Għawdex, isem Sigismondo Dimech huwa marbut ma' l-istatwa artistika ta' Ġesù Marija, meqjuma fil-Kappella tas-Sagrament, fil-Bażilika ta' San Ġorġ.

Il-wetqa tal-kummissjoni tal-vara ta' Ġesù Marija kienet ġrajja ta' ċerta importanza fl-istorja ħelwa tal-iskultura reliġjuża ġewwa l-Gżejjer Maltin. Din il-vara hi tabilħaqq l-eqdem grupp skultorju *fl-injam*, fost dawk l-istatwi ta' pajjiżna li jinġarru fil-proċessjonijiet. Saret f'dawk iż-żminijiet li matulhom il-Maltin – aktarx impressjonati bil-ħidma artistika ta' Mariano Gerada u Vincenzo Dimech – reġgħu bdew jitħajjru jikkummissjonaw statwi tal-injam għall-parroċċi tagħhom. F'dan il-kuntest, il-vara ta' Ġesù Marija hi l-ewwel indikazzjoni illi l-Għawdxin ma kienux sejrin jibqgħu lura milli jikkummissjonaw huma wkoll xogħlijiet ta' din ix-xorta!





L-VARA TA' ĠESÙ MARIJA

Milli jidher, id-dokumenti tas-Seklu XVIII qatt ma jsemmu l-vara ta' Ġesù Marija. L-istoriċi P.P. Castagna u G. Faurè jgħidulna li Sigismondo Dimech ħadem din il-vara fl-1810.[18] Madankollu, illum nafu li din id-data mhux eżatta. Tabilħaqq, il-vara ta' Ġesù Marija diġà tissemma għall-ewwel darba f'ittra li kiteb minn Għawdex Patri Reginaldo Speranza O.F.M. Conv. lil ħabib tiegħu f'Malta, fit-12 ta' Jannar 1808.[19]

F'din l-ittra, Patri Speranza jibgħat jgħarraf lil ħabib tiegħu illi l-purċissjoni ta' S. Antnin ma kienetx ser issir fid-data li ffissaw il-Patrijiet, iżda f'ġurnata oħra, u dana sabiex ma jfixxklux il-purċissjoni bil-vara ta' Ġesù Marija, li kellha toħroġ mill-Knisja ta' S. Ġorġ fl-istess jum: *Dunque si era risoluto di portarlo nella domenica prossima ventura, ma siccome nella parocchia o sia in San Girogio si deve fare la solennità del nome di Ġesù ed essendoci la statua, epperò devono far la processione con essa di dopo pranzo, onde per non esserci tanta confusione abbiamo trasferito per un altra Domenica il trasport del suddetto Santo.*

Minn dan li għedna jidher li Sigismondo Dimech ħadem il-vara ta' Ġesù Marija wara li ġie lura mill-eżilju tiegħu, iżda żgur qabel ma nkitbet l-ittra ta' Patri Speranza. Fi kliem ieħor, din il-vara aktarx inħadmet f'xi żmien bejn l-1802 u l-1807.

Il-vara ta' Ġesù Marija minn dejjem kienet titqies bħala proprjetà tal-Fratellanza. Dan jixhdu l-Inventarju tal-Fratellanza li sar f'Marzu tal-1809, fejn hemm miktub li l-Fratellanza kienet tgħożż *"una statua di Ġesù e Maria col suo pedestallo, quattro aste, e 4 forcine"*. (Ara Arkivju Arċiveskovili, Furjana, *Prima Past. Vist. Arch. Ferd. Mattei*, 1809, Vol. 47, f.118r.).

Nosservaw ukoll li din il-vara ta' S. Dimech hi kopja skultorja fl-injam tax-xbihat nobbli ta' Ġesù u Marija, kif rappresentati fil-kwadru tal-Kappella tas-Sagrament.[20]

Fuq kollox, jeħtieġ jingħad li l-vara ta' Ġesù Marija għaddiet minn taħt l-idejn ta' bosta restawraturi. Minħabba l-ispazju, hawnhekk sejrin infakkru biss xi tibdil li sar fuq il-vara fis-sena 1891: *Quest'anno si presentò alla publica venerazione l'effigie di Ġesù Maria, ritoccata, corretta ed arricchita.* (*Il Messaggiere Di Maria, Anno IV*, No. 90, 1891, p.n.n.).

Ftit tax-xhur ilu, John Bezzina attira l-attenzjoni tagħna għall-fatt li fuq driegħ il Madonna hemm imnaqqxa d-data **1891** – aktarx tifkira tar-restawr tal-vara li sar f'dik l-istess sena. Mingħandu sirna nafu wkoll li l-flus għal dan ir-restawr kienu nħarġu minn ċerta Sica ("Tal-Ħoxna"), u li, bi tpattija għal dan il-ġest, għal xi snin il-purċissjoni kienet tgħaddi mit-triq ta' din il-benefattriċi, Strada Karità.

Il-parruċċani ta' S. Ġorġ għandhom ikunu kburin għall-fatt li missirijiethom irnexxilehom iwettqu l-kummissjoni għall-vara ta' Ġesù Marija. Fl-ambjent limitat ta' Għawdex, din il-kummissjoni bilfors kienet prova kbira ta' kuraġġ u sagrifiċċju!

## Parroċċa Ta' Porto Salvo, Valletta, 1815–1823

Fl-Arkivju tal-Kunvent tal-Patrijiet Dumnikani tal-Belt Valletta, jinsabu dokumentati xi xogħlijiet skultorji fl-injam, skolpiti minn Sigismondo Dimech bejn l-1815 u l-1823.[21]

Fost dawn ix-xogħlijiet, l-aktar kummissjoni importanti tidher li hi dik ta' tliet *basso-riljevi* fl-injam, li jirrappreżentaw ġrajjiet mill-ħajja tal-Patrijarka S. Duminku. Fis-16 ta' Frar 1815, S. Dimech irċieva 150 skudi għal dan ix-xogħol.[22] Dawn il-*basso-riljevi* kienu jżejnu l-pulptu tal-Parroċċa ta' Porto Salvo, iżda llum jinsabu fil-Kunvent tal-Patrijiet Dumnikani, f'tas-Sliema.

Fit-8 ta' Novembru 1823, Sigismondo Dimech lesta erba' puttini tal-injam li mbagħad tqegħdu fuq kull tarf tal-pedestall tal-vara ta' San Duminku. Tagħhom tħallas is-somma modesta ta' 12 oncie.[23]


li 16 Febbraro 1815
ricevo da maestro Giovanni Scoppardi la Somma di Scudi Cento e Cinquanta per scultura di tre bassi rilievi di legnio per un pulpito; dico — 150 —
Sigismondo Dimech Scultore

**Firma ta' Siġismondo Dimech fl-Arkivju tal-Patrijiet Dumnikani, fil-Belt Valletta.**

Fl-istess Arkivju nsibu riferenzi għal xi xogħlijiet oħra li ħadem S. Dimech: l-iskultura fuq il-kredenzina u l-leġiju tal-kor,[24] kif ukoll l-Appostli S. Pietru u S. Pawl li jżejnu l-altar maġġur fil-festi.[25]

## Skultura Fuq il-Faċċata tal-Knisja Ta' S. Ġorġ, 1817

Id-destin ried li isem Sigismondo Dimech jibqa' mfakkar fuq l-istess ġebel u bini tal-Bażilika ta' S. Ġorġ. Dwar dan, ma nistgħux nagħmlu aħjar milli nġibu silta mill-kitba tal-Kan. Dun N. Vella Apap: "Xogħol ieħor ta' Sigismondo Dimech u ibnu hija l-iskultura kollha fil-ġebel tal-faċċata tal-Bażilika ta' S. Ġorġ, li kienet inbniet mill-ġdid fis-sena 1816 – 1817, fuq il-pjanta ta' l-Arkitett Għawdxi, Dr. Salvatore Bondì. L-iskultura kienet saret fis-sena 1817. Fuq il-pilastru taħt il-kapitell li jħares lejn il-lvant, hemm kitba fil-ġebel li tgħid: **SIGISMONDO – FERDINANDO – DIMECH – PADRE E FIGLIO – 1817.** (Ara *Il-Belt Victoria, Marzu-April, 1985*, Nru. 23, p.3).

Dan hu wieħed minn dawk il-każijiet tassew rari, fejn skultur Malti għażel li jħalli tifkira tal-"firma" tiegħu fuq faċċata ta' knisja parrokkjali.[26] B'din l-iskrizzjoni, Sigismondo u Ferdinando Dimech urew li kienu tassew kburin bil-ħidma skultorja tagħhom fi ħdan il-Parroċċa ta' S. Ġorġ!

L-istess iskrizzjoni tagħtina x'nifhmu wkoll li Ferdinando ħa l-apprendistat tiegħu ma' missieru, u li t-tnejn għaddew perijodu qasir ta' żmien jgħixu ġewwa r-Rabat t'Għawdex.

Fuq linji ġenerali, nistgħu ngħidu li fil-kuntest ta' din il-kummissjoni, il-ħidma ta' Sigismondo Dimech għandha ħafna aktar mis-sengħa ta' *architectural sculptor*, jew aħjar mis-sengħa tal-*sculpteurs ornemanistes*, milli minn dik tad-dekoraturi fl-*stucco*.

Meta sar dan ix-xogħol fuq il-faċċata tal-Knisja ta' S. Ġorġ, Sigismondo kien għalaq 48 sena, filwaqt li ibnu Ferdinando kien għad kellu biss madwar 19-il sena.

## Statwa tal-Madonna tal-Karmnu, Mdina, 1826

Fl-1826, Sigismondo Dimech naqqax fil-ġebel l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu li tinsab fil-kantuniera tal-Knisja tal-Patrijiet Karmelitani tal-Imdina.[27] Fil-fehma tagħna, din il-kummissjoni aktarx kienet imnebbħa minn spirtu ta' riparazzjoni wara li s-suldati ta' Napuljun, fl-1798, kienu wettqu atti ta' sagrileġġ fuq il-kwadru tal-Lunzjata u l-vara processjonali tal-Madonna tal-Karmnu fl-istess Knisja.[28]

Maż-żmien, l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu li ħadem S. Dimech, saret *landmark* tal-Imdina. Ix-xbiha tagħha ġiet riprodotta fuq bosta *postcards* u reklami turistiċi, u b'hekk aktarx saret dik in-niċċa stradali l-aktar magħrufa fost dawk kollha tal-Gżejjer Maltin!

## Statwa Ta' S. Pawl Fuq il-Gżejjer Ta' Selmun, 1845

Meta kellu madwar 75 sena, Sigismondo Dimech ntagħżel sabiex inaqqax fil-ġebel, statwa tal-Appostlu San Pawl għall-monument nazzjonal Pawlin fuq il-Gżejjer Ta' Selmun. Milli jidher, din l-għażla kienet bażata fuq il-ħila artistika li kien wera S. Dimech matul il-karriera twila tiegħu: *La composizione benchè semplice, sarà piena di quell'intelligenza, di cui è capace l'assunto.*[29] Madankollu, aktarx għaliex kien kiber sew fiż-żmien, Sigismondo Dimech innifsu għażel li jaħdem din l-istatwa flimkien ma' l-iskultur Salvatore Dimech (1804 – 1886).

Il-promoturi ta' dan il-monument Pawlin ippubblikaw ir-Rendikont tal-amministrazzjoni tagħhom fil-gazzetta *L'Osservatore Maltese*, fil-ħarġa tas-7 ta' Ottubru 1844, fil-paġna 466. Hemmhekk, naqraw dan li ġej: *Pagati agli scultori Sigismondo Dimech della Valletta e Salvatore Dimech di Casal Lia ed ai loro lavoranti – Scudi 333.1.4.*

## DIXXENDENTI TA' SIGISMONDO DIMEĊH

**Milli jidher, l-isem li laħaq kiseb Ferdinando Dimech bħala skultur, maż-żmien, razzan xi ftit il-fama ta' missieru, Sigismondo. Fost ix-xogħlijiet skultorji ta' Ferdinando Dimech, insemmu biss il-monument fl-irħam tal-Ammirall Hotham, fil-Barrakka ta' Fuq, tal-Belt Valletta.[33] Carmelo Dimech, it-tifel ta' Ferdinando, twieled il-Belt Valletta fl-14 ta' Jannar 1836.[34] Dan Carmelo Dimech kien iżżewweġ lil Evanġelista Zammit fit-2 ta' Ottubru 1855, u binhom kien il-magħruf riformatur soċjali, Manwel Dimech (1860 – 1921).**

**Fl-aħħarnett, fost il-ħafna tfal ta' Ferdinando Dimech, insibu lil Federico, skultur ukoll. Federico Dimech twieled fl-1821 ġewwa Corfù, fejn missieru Ferdinando kien jagħmel żjajjar qsar biex jgħin fix-xogħol skultorju li kien qed isir fil-Palazz Reali ta' dik il-Gżira.[35] Dawn id-dettalji bijografiċi dwar Federico Dimech, jinsabu miġburin fl-Att tal-Mewt Numru 3933/1893, fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta. Fl-istess dokument hemm miktub ukoll li Federico Dimech miet ta' 72 sena, fis-7 ta' Novembru 1893, għand il-*Piccole Suore di Carità*, Ħamrun.**

## *EGĦLUQ*

***Sigismondo Dimech miet ġewwa Birkirkara, fl-età ta' 84 sena, fit-8 ta' Mejju 1853, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali ta' Birkirkara.[36]***

***M'hemmx dubju li Sigismondo Dimech hu protagonist importanti fix-xena skultorja Maltija, matul l-ewwel tletin sena tas-Seklu XIX. Uħud mix-xogħlijiet prinċipali tiegħu, speċjalment dawk li jinsabu fiż-żewġt ibliet kapitali tal-Gżejjer Maltin, huma magħrufa biżżejjed minn kulħadd. Madankollu, s-suspett ma jistgħax jonqos li d-dokumentazzjoni dwar xi kummissjonijiet ewlenin ta' S. Dimech tinsab moħbija fl-arkivji ta' bosta parroċċi Maltin.***

***Jeħtieġ li ngħidu wkoll li għadna ma nafux il-verità sħiħa dwar il-karattru kumpless u l-personalità kurjuża ta' S. Dimech. Għaldaqstant, f'din il-kitba stajna biss niċċaraw*** *xi aspetti* dwar l-identità u l-ħidma tal-iskultur Sigismondo Dimech mill-Belt Valletta.

1. **Arkivju tal-Parroċċa Ta' Porto Salvo, Valletta,** *Battesimi 1766 – 1776, Liber X*, p. 176 – 177.
2. *Ibid.*
3. Arkivju Parrokkjali, Vittoriosa, **Liber Matrimoniorum IV**, f. 113.
4. Arkivju tal-Mużew tal-Kattidral, Mdina, *Status Animarum, Chiesa Parr. di S. Paolo Apostolo della Città Valletta, 1790*, f.10r.
5. Arkivju tal-Parroċċa ta' Porto Salvo, Valletta, *Liber Mort. 1831 – 1842*, p. 554. F'dan ir-reġistru nkiteb li Ferdinando ndifen fil-Knisja ta' Porto Salvo.
6. Ġ. Azzopardi, ***X'Ġarrab Manwel Dimech***, Malta, 1975, p. 1. Il-fonti li jikkwota l-awtur, għal dak li għandu x'jaqsam ma' Sigismondo Dimech, hu manuskritt mhux pubblikat ta' Ġużè Gatt. Dan Ġużè Gatt kien għamel bosta riċerki dwar Mikiel Anton Vassalli u żminijietu, skond kif jgħid Ant. Cremona nnifsu fil-ktieb tiegħu, ***Mikiel Anton Vassalli***, Malta, 1975, pp. 14; 19. Inżidu biss li l-maħfra ma ġietx mogħtija mill-Gvernatur, iżda minn Charles Cameron, li kien *Civil Commissioner* ta' Malta bejn l-1801 u l-1803.
7. *Ibid.*
8. Fr. John Azzopardi, *Count Saverio Marchese* fil-***Proceedings Of History Week 1982, The Historical Society***, Malta 1983, p. 39.
9. Din l-*Exhibition* saret fil-Mużew tal-Katidral tal-Imdina, fl-1982.
10. Ara *Act Of Death, No. 343/1881*. F'dan id-dokument naqraw li l-Avukat Sigismondo Dimech miet fid-dar tiegħu, *No. 122, Strada Cristoforo, Valletta*.
11. Prof. Mons. V. Borg, ***Il-Knisja Parrokkjali Ta' Ħal Lija***, Malta, 1982, pp. 65: 75.
12. S. Zerafa, ***Discorso Sulla Storia Artistica Di Malta***, Malta, 1850, p. 28.
13. *Ibid.* Pittura ta' Sigismondo Dimech minn Ħal Lija, fil-Knisja tal-Patrijiet Kapuċċini, Floriana, inqerdet flimkien mat-tiġrif tal-Knisja fit-Tieni Gwerra Dinjina – ara R. Mifsud Bonnici, ***Dizzjunarju Bibljografiku***, Malta, 1960, p. 180.
14. P.P. Castagna, ***L-Istorja Ta' Malta bil-Gżejjer Tagħha***, it-Teni Edizzjoni, Malta, 1890, p. 204.
15. Ara ***Il Mediterraneo***, 22/7/1840, No. 104, p. 969.
16. P.P. Castagna, ***Malta bil-Gżejjer Tagħha***, L-Ewwel Edizzjoni, II, 1865, p. 107. Ara wkoll E. Sammut, ***Art In Malta***, Malta, 1960, p. 84, u R. Bonnici Calì, ***The Church Of Our Lady Of Victory***, Malta, 1966, p. 20. Skond l-iskrizzjoni tal-monument, is-sarkofagu kien sar bl-inizjattiva tal-Viċi-Ammirall Venezjan, Tommaso Condulmier, li kien wasal malajr f'Malta, fl-1792. Għalhekk, jista' jagħti l-każ li S. Dimech ħadem il-bust ta' Emo fl-1792, u mhux fl-1802!
17. Dwar il-mewt u l-funeral tal-Ammirall Emo, ara Ant. Cremona, ***Il-Knisja Ta' Sarria***, Malta, 1968, p. 32 – 37.
18. P.P. Castagna, *op. cit.*, p. 107; G. Faurè, ***L-Istorja Ta' Malta***, Vol. IV, Malta, 1916, p. 1120. Aħan tal-fehma, li l-kummissjoni għal din il-vara twettqet bis-saħħa ta' pika li kienet tnisslet wara tilwima bejn il-Fratellanza ta' Ġesù Marija u dik ta' San Calogero, imwaqqfa fil-Knisja tal-Patrijiet Konventwali, fl-1795. Dwar din it-tilwima, ara A. Ferris, ***Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo***, Malta, 1866, p. 554.
19. Nistgħu naqraw din l-Itta *in toto* fl-Appendiċi tal-artikolu ta' Patri B. Fiorini O.F.M. Conv., ***I Francescani Al Gozo***, fil-***Melita Historicà***, Vol. 3, No. 4, Malta, 1963, p. 56. Dokumentazzjoni mgħoddija mis-Sur John Bezzina.
20. Dwar dain il-kwadru ta' Ġesù Marija, ara John Bezzina, ***Il-Pittura Fil-Bażilika Ta' San Ġorġ***, Malta, 1965, pp. 17 – 18.
21. Id-dokumentazzjoni għal dawn ix-xogħlijiet ġiet mgħoddija lili minn Patri Filipp Mallia O.P.
22. Arkivju tad-Dumnikani, Valletta, *Conti dei Lavori Fatti nella Nuova chiesa di S. domenico, 1815*, p.n.n.
23. Arkivju tad-Dumnikani, Valletta, *Libro degli Esiti Straordinari del Convento, 1821 – 1834*, f.29r. Il-puttini li naraw illum nhux dawk li ħadem S. Dimech!

24. Arkivju tad-Dumnikani, Valletta, *Libro degli Esiti Straordinari, 1813–1834*, f.27r.
25. *Ibid.*, f.22r.
26. Dwar kemm hi tassew rari, "firma" ta' din ix-xorta, ara Perit M. Ellul, **Apprezzament Arkitettoniku fil-Knisja Parrokkjali Ta' San Ġorg, Ħal Qormi**, Malta, 1984, p. 42.
27. P.P. Castagna, *op. cit.*, p. 107. Ara wkoll Patri Patrick Abela, O.Carm, ***Festa tal-Madonna tal-Karmnu, Mdina***, Malta, 1983, p.25.
28. Patri Serafin Abela, O.Carm., ***Il-Karmelitani Tal-Imdina U l-Franċiżi***, fil-***Programm Tal-Festa Tal-Madonna Tal-Karmnu, Mdina, 1979***, p.21.
29. ***Il Trionfo Della Religione***, 17/8/1843, p.99.
30. Arkivju tan-Nutara, Valletta, Atti Nutar Guseppe Torpiano, 5/5/1844, f.141r.
31. ***Il Trionfo Della Religione***, 17/8/1843, p.99.
32. M. Galea, ***L-Istatwa Ta' S. Pawl Fuq il-Gżejjer Ta' Selmun***, fil-***Leħen Is-Sewwa, Supplement***, 4/2/1984, p.II.
33. ***Il Mediterraneo***, 17/6/1840, p.891.
34. Arkivju tal-Parroċċa ta' San Pawl, Valletta, *Liber Bapt. 1833–1843*, f.243r. Ferdinando Dimech kien iżżewweġ lil Paola Portelli fil-Katidral tal-Imdina, fis-7 ta' Ġunju 1818 – ara *Liber Matr. 1805–1834*, Vol. VI, Mdina, f.249v.
35. Dwar il-ħidma ta' Ferdinando Dimech ġewwa Corfù, ara Perit M. Ellul, ***Art And Architecture In Malta In The Early Nineteenth Century***, fil-***Proceedings Of History Week 1982, The Historical Society***, Malta, 1983, p.16.
36. Arkivju tal-Parroċċa ta' S. Elena, Birkirkara, *Libro dei Morti 1850–1859*, Vol. 6, p.n.n. Sigismondo, Ferdinando u Federico jirrappreżentaw tliet ġenerazzjonijietr ta' skulturi fi ħdan l-istess familja Dimech; kollha kienu "attivi" f'xi żmien matul is-Seklu XIX. Għaldaqstant, jeħtieġ li nkunu ċari ħafna dwar l-identità ta' l-awtur, meta nattribwixxu xi xogħol skultorju lil xi membru ta' din il-familja.

